Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

►C1 tat-3 ta' Diċembru ◄ 2012

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti bil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja għal perijodu ta' sentejn

(2012/827/UE)

(ĠU L 361, 31.12.2012, p. 43)

Kkoreġuta minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 41, 12.2.2013, p. 15 (2012/827/UE)

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

►C1 tat-3 ta' Diċembru ◄ 2012

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti bil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja għal perijodu ta' sentejn

(2012/827/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Novembru 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1801/2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja ([1]) (minn issa il-Ftehim ta' Sħubija).

(2) Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja protokoll ġdid (minn issa il-Protokoll il-ġdid) li jagħti opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-UE fl-ilmijiet li fihom il-Mawritanja teżerċita s-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tagħha fir-rigward tas-sajd. Wara dawn in-negozjati, ġie inizjalat abbozz ta' Protokoll ġdid fis-26 ta' Lulju 2012.

(2) Il-Protokoll atytwali għal dan il-Ftehim ta' Sħubija skada fil-31 ta' Lulju 2012.

(4) Sabiex jiġi żgurat li l-bastimenti tal-UE jkunu jistgħu jkomplu għaddejjin bl-attivitajiet tas-sajd tagħhom, il-Protokoll il-ġdid jipprevedi l-possibbiltà li huwa jiġi applikat b'mod provviżorju minn kull Parti sa mid-data tal-iffirmar tiegħu sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu.

(5) Dan il-Protokoll il-ġdid għandu jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti bil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja għal perijodu ta' sentejn (minn issa il-Protokoll) huwa awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 343, 8.12.2006.

▼B

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat jaħtar il-persuna jew il-persuni bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Il-Protokoll għandu japplika b'mod provviżorju, skont l-Artikolu 9, mid-data tal-iffirmar tiegħu, sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.